MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 1832/2005

**Talba Nru: 1832/05VGD**

Miriam u Charles Sammut Alessi (Id. 104264(M) u 674623(M) rispettivament), u b'Digriet tat-22 ta' Novembru 2006, it-Tribunal ordna t-trasfuzjoni tal-atti f'isem Miriam Sammut Alessi, flok il-mejjet Charles Sammut Alessi.

Vs

Nicole Chapelle Paleologo u Louis Bonaci.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta' elf, erba mija, u hamsin lira Maltin (Lm1450), hlas ta' danni li l-konvenuti ikkawzaw u ghadhom jikkawzaw lill-atturi fil-fond 167/168, St. Paul Street, San Pawl il-Bahar, waqt xoghlijiet ta' twaqqiegh ta' bini u xogholijiet ohra fil-bini u art kontigwi

ghal dawk ta’ l-atturi.  Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li ecepew illi (i) preliminarjament, peress li din il-kawza si tratta dwar danni allegatament kawzati ex delictu, t-talbiet attrici huma preskritti peress li x-xoghlijiet ta’ twaqqiegh ta’ bini sar fis-sena 2002; (ii) illi inoltre irid jigi rilevat illi l-fond ta’ l-atturi u cioe 167/168, St. Paul’s Street, San Pawl il-Bahar kien diga’ dannegjat qabel l-allegat hsara kkawzata, tant li l-fond kien ikkunsidrat bhala fond ikkundannat mill-MEPA; (iii) illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kontra l-istess atturi stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.  Bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici Miriam Sammut Alessi.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Nicole Chapelle Paleologo.

Sema’ x-xhieda tal-Perit Anthony Muscat prodott mill-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ser jghaddi biex jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u cioe l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

Illi l-konvenuti fir-risposta taghhom jecepixxu ‘(i) illi preliminarjament, peress li din il-kawza si tratta dwar danni allegatament kawzati ex delictu, t-talbiet attrici huma preskritti peress illi x-xogholijiet ta’ twaqqiegh ta’ bini sar fis-sena 2002.’

Dan it-Tribunal josserva li ma giex specifikat l-artikolu tal-ligi li fuqu hija bazata din l-eccezzjoni, la fir-risposta u lanqas permezz ta’ nota f’xi stadju iehor tas-smiegh tal-kawza. Illi kif qalet il-Qorti fil-kawza ‘Martin Aquilina vs Christopher Friggieri (Appell Civili Inferjuri – Imhallef Philip Sciberras – 20/10/2003), ‘*L-Att V ta’ L-1995 imkien ma jghid illi n-normi tal-Kodici Civili li jghoddu ghall-istitut tal-preskrizzjoni ghandhom jigu regolati diversament fil-kazijiet trattati quddiem it-Tribunal minn dawk quddiem qrati ohra. L-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili huwa ghalhekk imperanti anki f’dan il-kaz u t-Tribunal ghamel sewwa illi ma kkonsidrax l-eccezzjoni gjaladarba din ma kenitx specifikata. Kif pacifikament akkolt f’bosta decizjonijiet ‘il-Qorti ma tistax ex officio taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili – u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz* ***xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b’mod car u esplicitu minn min jinvokaha****.*’ (P.A. PS ‘Donald Manche’ noe vs Joseph Siad – 28 ta’ Gunju 2003).

Illi kif qalet il-Qorti fil-kaz ‘Salvu Busuttil vs Rosina Abela et (P.A. 23/01/1953), ‘*Il-konvenut issolleva l-ecezzjoni tal-preskrizzjoni kontra t-talba tal-attur minghajr ma giet specifikata ebda partikulari preskrizzjoni. Il-Qorti taht dawn ic-cirkostanzi, ma tistax tezamina din l-eccezzjoni, kif ma tistax tissupplixxi ghan-nuqqas tal-parti li teccipiha, minghajr ma tmur kontra d-disposizzjoni ta’ l-art. 2216 tal-Kodici Civili (issa Art. 2111) kif kostantement interpretat mill-Qrati taghna*.’

Inoltre, ‘*l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi mqajma mill-Qorti ex officio. Ghalhekk, biex il-Qorti tikkonsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjent, u* ***mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid li jaghti l-eccezzjoni ta’ kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-ligi****, ghax xort’ohra l-Qorti tkun qieghda tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f’materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva.*’ (App. 11/5/1956 ‘ Ruggiero Cali’ vs Arkitett George Galea).

Illi ghalhekk, a bazi tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija insostenibbli u ghalhekk qed tigi michuda.

Illi fil-mertu, wara li ha konjizzjoni tax-xhieda kollha moghtija u anki tad-dokumenti kollha esebiti, dan it-Tribunal jidhirlu li gie ampjament ippruvat illi minhabba x-xoghlijiet ta’ twaqqieh u thaffir fil-proprjeta’ tal-konvenuti, gew ikkawzati diversi danni fil-proprjeta’ tal-atturi. Ir-ritratti esebiti juru bic-car illi d-danni jikkonsistu principalment fit-twaqqieh tal-hajt divizorju bejn iz-zewg proprjetajiet, kif ukoll danni allarmanti fil-kamra tal-banju tal-atturi, fejn sahansitra waqa hajt shih, u l-kamra giet miftuha u mikxufa ghall-elementi kollha, minbarra l-fatt li saru anki danni gewwa l-kamra stess.

Illi johrog car mill-provi li kemm il-konvenuta u anki l-perit taghha kienu konxji tal fatt illi kienu gew ikkagunati danni fil-proprjeta tal-atturi.

Fil-fatt il-Perit Anthony Muscat, li kien inkarigat jiehu hsieb ix-xoghlijiet in kwistjoni mill-konvenuti, xehed hekk:- ‘*Jiena kont naf bil-problema tal-pedamenti f’dik l-area qabel ma beda x-xoghol tat-thaffir, pero’ l-extent tal-problema skoprejt x’inhi wara illi kien beda x-xoghol ta’ thaffir. Tant hu hekk illi meta mbaghad bdejna nibnu fil-proprjeta’ tal-konvenuti, minnflok ghamilt ‘re-enforcement wall’ tal-bricks, ghamilt ‘re-enforcement’ tal-konkrit bil-vireg.*’ U ‘*Jiena naqbel illi kienet saret laqgha bejn Dr. Reno Borg, l-avukat tal-attrici, bejni u l-Perit Louis Borg, fejn kien hemm qbil illi kienu ser jsiru tiswijiet fil-proprjeta’ ta’ l-attrici*. *Sakemm lestejt ix-xoghol pero’ sa fejn naf jiena dawn ix-xoghlijiet ta’ tiswijiet ma kienux saru….Niftakar ukoll illi waqt din il-laqgha li saret fil-prezenza tal-Perit u ta’ l-Avukat, ahna konna kkostatajna lkoll kemm ahna illi kien hemm xi danni fil-kamra tal-banju….Jiena naqbel ma dak illi qed jigi ssuggerit lili u cioe illi din il-laqgha kienet saret meta kienu graw il-hsarat*’

Il-konvenuta fix-xhieda moghtija minnha wkoll tikkonferma illi l-atturi kienu sofrew xi hsarat: ‘*Meta jiena kont qed niskava, l-hajt tal-kamra tal-banju waqa’. Kien jidher car*

*illi taht il-kamra tal-banju kien hem mil-hamrija. Dan il-hajt x'aktarx illi waqa' minhabba x-xoghlijiet li kont qed naghmel pero' ghandi nghid illi dan il-hajt inbena….Meta kien hemm it-talba tal-attrici minhabba d-danni li kellha, jiena kont lesta li naghmel 'claim' ma l-insurance tieghi izda m'ghamiltux ghaliex l-attrici ma gabitli l-ebda prova li kien hemm dawn id-danni.*'

Huwa car illi la l-konvenuta u lanqas il-perit taghha ma jinnegaw illi waqa hajt shih tal-kamra tal-banju, u li twaqqa l-hajt divizorju. Jidher li l-iskuza tal-konvenuta hija biss li l-proprjeta' kienet taghha, u li hija kienet qed tizviluppa skond il-permess li kellha, u anki li kienet qed taghmel minn kollox sabiex ma tikkagunax danni fil-proprjeta' ta' terzi.

Dan kollu pero, bl-ebda mod ma jezonera lill-konvenuti mir-responsabbilta' taghhom versu terzi ghad-danni li ovvjament gew ikkagunati minnhom minhabba x-xoghol ta' skavar u twaqqiegh li kienu ghamlu. Lanqas ma huwa relevanti l-fatt li l-proprjeta' tal-atturi hija wahda antika, ghaliex xorta wahda jibqa l-fatt illi li kieku ma sarux ix-xoghlijiet ta' twaqqiegh u thaffir, ma kien jigri xejn u ma kienu jsiru l-ebda danni fil-proprjeta' tal-atturi.

Illi l-konvenuti jidru li ghall-ewwel kienu accettaw illi jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi - u dana kif kidher anki mill-ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenuti lill-atturi. Ghal xi raguni pero, l-konvenuti naqsu li jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni. Jidher li skond il-konvenuta, peress illi hija kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni, l-claim kellu jsir waqt li kien qieghed isir ix-xoghol, u peress illi skond hi, l-attrici qatt ma gabitilha provi dwar id-danni sofferti, l-konvenuta ma hassitx li kellha tiftah 'claim'. Dan huwa argument assolutament bla bazi u inacettabbli. Apparti li wiehed ma jistax jimmagina x'provi ohra kien hemm bzonn li ggib l-attrici meta wiehed jara r-ritratti li juru hajt shih imwaqqa u kamra mikxufa ghall-kollox, il-konvenuta kellha d-dover li taghmel 'claim' ma l-insurance taghha meta giet mgharfa anki ufficjalment li l-atturi kienu sofrew danni fil-proprjeta' taghhom. Jekk ghal xi raguni l-konvenuta ghazlet li ma taghmilx hekk,

dan ma jfissirx illi m'ghandhiex tigi kkundannata taghmel tajjeb ghad-danni f'dan l-istadju.

Illi fl-ahharnett, it-Tribunal jidhrilu illi l-atturi apparti li rnexxilhom jippruvaw li sofrew danni, gabu l-provi wkoll fir-rigward tal-kwantum tad-danni li gew certifikati mill-perit Louis Borg. Minn-naha l-ohra t-Tribunal josserva illi l-konvenuti fl-ebda stadju tal-kawza ma kkontestaw il-kwantum tad-danni, jew gabu xi prova kontrarja f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef, tlett mija u seba u sebghin Ewro u disa u hamsin centezmu (€3377.59), ekwivalenti ghal Lm1450 kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------